| 21 - 31 | 25 | 20 |
| 32 + | 20 | 15 |

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component will be allowed to re-sit that one particular component within a week from the first complete component. Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the extended interview stage of the selection process.

(vi) As a further eligibility requirement, applicants must also sustain and pass a drugs screening test.

(b) Applicants eligible in terms of paragraphs 5 and successful in terms of paragraph 7.1(a) above will first be subject to an interview by a Selection Board designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, and other personal aptitudes required of a Correctional Officer. The interview shall include a reading test (Maltese and English). Candidates who fail the interview shall be precluded from joining the course of training.

(c) Persuni magħżula skont paragrafu 7 (b) hawn fuq, ikunu meħtieġa li jagħmlu kors ta' taħrig (*full-time*) ta' sitt (6) ġimgħat u joqogħdu għall-eżami finali, li jistabbilixxi l-ordni tal-mertu. Matul il-kors ta' taħriġ u sakemm jiġi ppubblikat ir-riżultat tal-eżami fl-aħħar tal-kors, persuni magħżula jissejħu bħala Uffiċjal Korrettiv Rekluta (*Trainee Correctional Officer*). Matul il-kors ta' taħriġ kif ukoll wara li jintemm, persuni magħżula jkunu soġġetti għad-dixxiplina, skont id-dispożizzjonijiet fil-Leġiżlazzjoni Nru. 260.03 magħrufa bħala Att tar-Regolamenti tal-Ħabsijiet, Kap. 260.

(d) Persuni li jkunu daħlu għall-kors, li jissejjħu Uffiċjal Korrettiv Rekluta (*Trainee Correctional Officer*), ikunu intitolati għall-uniformijiet. Huma jistgħu jkunu meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet prattiċi fuq bażi ta' *shift*, taħt superviżjoni, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ.

Il-kors ta' taħrig jinkludi:

a. Lezzjonijiet fuq edukazzjoni u ħiliet ta' komunikazzjoni, etika, drogi u abbuż mill-alkoħol u prevenzjoni, saħħa fiżika u mentali, politika u leġiżlazzjoni;

b. Erbgħin (40) siegħa ta' xogħol matul l-kors ta' taħriġ fit-taqsimiet kollha fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin;

c. Attivitajiet oħrajn bħal tifi tan-nar, teknika ta' kontroll u trażżin, sigurtà, programm maniġerjali tal-ħabs, servizzi tal-pruġinieri, l-ewwel għajnuna fil-kura, u taħrig fiżiku.

Matul l-kors ta' taħriġ komprensiv, l-Uffiċjal Korrettiv Rekluta (*Trainee Correctional Officer*) ikun meħtieg li jsegwi korsijiet ta' studju u joqgħod għall-eżamijiet u assessjar ieħor kif inhu indikat fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti tal-kors. Persuni li repitutament jonqsu li jilħqu l-i*standards* meħtieġa matul il-kors, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom itterminat.

Il-kors komprensiv imsemmi hawn fuq se jsir fl-Akkademja tal-Pulizija u/jew kwalunkwe istituzzjoni oħra ta' taħriġ kif meħtieġ.

Persuni li jgħaddu b'suċċess jingħatalhom ċertifikat ta' kompetenza.

L-ordni tal-mertu jiġi stabbilit skont it-total tal-marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Persuni li jonqsu li jilħqu l-livell meħtieġ, ma jinħatrux bħala Uffiċjal Korrettiv u jkollhom l-apprendistat tagħhom mitmum.

7.2 Persuni li jitħarrġu (*Trainees*) li, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mhumiex

(c) Successful candidates in terms of paragraph 7 (b) above will subsequently be required to undergo a full-time course of training of a duration of six (6) weeks and sit for a final examination, which will establish the final order of merit. During the course of training and until the publication of the result of the examination at the end of the course, selected applicants will be known as Trainee Correctional Officer. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period as provided for in Subsidiary Legislation No. 260.03 known as the Prisons Regulations of the Prisons Act, Cap. 260.

(d) Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Correctional Officers, will be entitled to free issue of uniforms. They may be required to perform practical duties on a shift basis, under supervision, which assignment would include night work and/or manual work as necessary.

The training course will include:

a. Classes on education and communication skills, ethics, drug and alcohol abuse and prevention, medical and mental health, policies and legislation;

b. Forty (40) hours of work placement during the training period, to be conducted in all divisions of the Corradino Correctional Facility;

c. Activities such as Fire Fighting, Control and Restraint Techniques, Security, Prison Management Programme, Inmates Services, First Aid and Physical Training.

During the comprehensive course of training, the Trainee Correctional Officer will be required to follow such study courses and sit for such examinations and other assessments as are laid down in the course of training, according to the course regulations. Trainees who repeatedly fail to reach the required standards may have their training terminated at any time.

The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy and/or in any other training institution as necessary.

On successful completion of the training, a Certificate of competence shall be awarded to candidates.

The order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Correctional Officers and will have their traineeship terminated.

7.2 Trainees who, on the closing day of the receipt of applications are not in Public Service/Public Sector will

fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku jirċievu l-paga bażika minima kurrenti, kumpens tal-għoli tal-ħajja u bonus (*pro-rata*) skont il-leġiżlazzjoni relattiva. Persuni li diġà huma marbutin b'xi kuntratt ta' apprendistat jiġu miżmuma mill jidħlu fl-iskema ta' *traineeship* sakemm ma jġibux ċertifikat ta' rilaxximent mill-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ.

7.3 *Trainees* li, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, huma fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku jiġu kkunsidrati bħala ttrasferiti fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, jew *on secondment* fil-każ ta' impjegati fis-Settur Pubblilku u jitħallsu l-minimu tas-Salarju ta' Skala 14 (jiġifieri €13,282.02), sakemm is-salarju tagħhom ma jkunx aktar mill-minimu ta' Skala tas-Salarju 14 u mhux iżjed minn massimu ta' Skala 12 (€17,230.00), f'liema każ jibqgħu jirċievu s-salarju sħiħ tal-grad sostantiv/*indefinite status*/kuntratt ta' impjieg definit tagħhom għall-perjodu kollu tat-taħriġ.

Persuni magħżula, li huma impjegati fis-Settur Pubbliku, għandhom jagħmlu l-arranġamenti huma biex jiġu rilaxxati mill-post tax-xogħol tagħhom.

7.4 Persuni li jkunu spiċċaw il-kors b'suċċess, Uffiċjal Korrettiv *Trainee* jinħatar Uffiċjal Korrettiv fi Skala 14 fuq kuntratt ta' sitta u tletin (36) xhar, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħrajn, skont l-ordni ta' mertu miksub fl-eżami fl-aħħar tal-kors ta' taħriġ u skont id-disponibbiltà tal-vakanzi. Ir-riżultat tal-eżami jibqa' jgħodd għal sena. Il-ħatra ta' Uffiċjal Korrettiv ikun għal perjodu ta' prova għal sentejn.

8. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

9. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat u *curriculum vitae* dettaljat, jintlaqgħu mill-Aġent Direttur Dipartiment għas-Servizzi Korrettivi, Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA1707 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmijin hawn isfel.

**Dispożizzjonijiet ġenerali oħrajn**

10. Dispożizzjonijiet ġenerali oħrajn dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

receive the current basic minimum wage, the cost of living allowance and bonus (*pro-rata*) in accordance with the relative legislation. Applicants who are already bound by some other agreement of apprenticeship shall be precluded from joining the traineeship scheme unless they obtain a certificate of release from the Employment and Training Corporation.

7.3 Trainees who, on the closing day of applications are in Public Service/Public Sector will be considered as transferred in the case of Public Officers and on secondment in the case of Public Sector employees and will be paid the minimum salary of Salary Scale 14 (i.e. €13,282.02), unless their salary is higher than the minimum of Salary Scale 14 and not in excess of the maximum of Scale 12 (€17,230.00), in which case they will continue to receive their salary of their substantive grade/indefinite status/of a definite contract of employment for the whole period of training.

Selected applicants who are employees of Public Sector entities must make their own arrangements for their release.

7.4 On the successful completion of the course, a Trainee Correctional Officer will be appointed Correctional Officer in Scale 14 on a thirty-six (36) month assignment, which may be renewed for further periods, in accordance with the order of merit obtained in the examination at the end of the training course and subject to the availability of vacancies. The result of the qualifying examination will remain valid for one (1) year. The appointment of Correctional Officer will be subject to a probationary period of two (2) years.

8. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

**Submission of applications**

9. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Acting Director at Correctional Services Department, Corradino Correctional Facility, Paola PLA1707 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 28th March 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below

**Other general provisions**

10. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

kundizzjonijiet oħrajn applikabbli

akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

il-pubblikazzjoni tar-riżultat;

il-proċess għas-sottomissjoni ta' petizzjonijiet dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formoli tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

żamma ta' dokumenti.

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=373) jew jinkisbu mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA1707. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 5.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +356 2169 7599 filwaqt li l-indirizz tal-*e-mail* huwa (admin.ccf@gov.mt).

Il-11 ta' Marzu, 2014

ID-DIRETTORAT TA' TOROQ
U INFRASTRUTTURA

***Junior Architects***
**Proġett ta' rinnovar u**
**titjib tad-*Deep Water Quay***

Id-Direttorat ta' Toroq u Infrastruttura ta' Transport Malta qed ifittex biex jingaġġa miegħu *Junior Architects*. Il-persuna se tagħmel parti mit-tim u se tkun qed tmexxi u timplimenta l-proġett CF 260 - Proġett ta' Rinnovar u titjib tad-*Deep Water Quay*, Il-Marsa. Dawk interessati se jkunu qegħdin jimlew il-pożizzjonijiet ta':

*Junior Architects*

Ref: MPO 165/2005/04 – ETC 27/2014

Proġett: CF 260 Proġett ta' rinnovar u titjib tad-*Deep Water Quay*

Il-*Junior Architects* magħżula se jiġu offruti kuntratt definit sal-aħħar ta' Diċembru 2015 jew sal-aħħar tal-proġett. Apparti minn doveri oħra, min jintgħażel ikun mistenni li jagħti servizz professjonali ta' gwida u għajnuna għat-twettiq tal-Proġett ta' rinnovar u titjib tad-*Deep Water Quay*.

L-applikanti jrid ikollom *degree* fil-B.E.&A (Hons) preferibbilment fil-qasam tal-inġinerija, użu ta' IT li jinkludi kapaċità ta *Word* u *Excel*, livell eċċellenti fil-kitba u komunikazzjoni bl-Ingliż/Malti, kapaċitajiet li jorganizzaw u

other applicable conditions;

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;

the publication of the result;

the process for the submission of petitions concerning the result;

medical examination;

access to application forms and related details;

retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=373) or may be obtained from Corradino Correctional Facility, Triq il-Belt Valletta, Paola, PLA1707. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 5.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department is +356 2169 7599 and the e-mail address is (admin.ccf@gov.mt).

11th March, 2014

ROAD AND INFRASTRUCTURE
DIRECTORATE

**Junior Architects**
**Refurbishment and Upgrading**
**Deep Water Quay Project**

Transport Malta's Road and Infrastructure Directorate is currently seeking to recruit Junior Architects. He/she will form part of a team managing the implementation of project CF 260 - Refurbishment and Upgrading of Deep Water Quay, Marsa. Interested persons would be filling the following positions:

Junior Architects

Ref: MPO 165/2005/04 – ETC 27/2014

Proġett: CF260 Refurbishment and upgrading of deep water quay

Junior Architects will be offered a definite contract until end of December 2015 or until termination of project. Amongst other duties, selected candidates will be expected to provide professional services in line with his/her competence to assist in the execution of the Deep Water Quay refurbishment/ upgrading Project.

Candidates must have a degree in B.E & A (Hons.) preferably in the engineering stream, IT Application skills including Word and Excel, excellent standard of written and spoken English/Maltese, organizational and decision making

li jieħdu deċiżjonijiet, kapaċità li jlaħħqu ma' ħinijiet stipulati, kunfidenza u komunikazzjoni eċċellenti. Esperjenza ta' xogħol u esperjenza fl-użu tal-ACAD u/jew *Project Planning* ikun meqjus vantaġġ għall-applikanti.

Deskrizzjoni tax-xogħol tista' tinġabar mill-uffiċċju ta' Riżorsi Umani, Transport Malta *email*: (recruitment.tm@transport.gov.mt)

Min hu interessat huwa mitlub jibgħat l-applikazzjoni tiegħu flimkien ma' CV ddettaljat (bħala dokument wieħed) permezz ta' *email* lil (recruitment.tm@transport.gov.mt) sat-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2014. Fl-*email* irid ikun indikat il-pożizzjoni li se tapplika għalih u isem l-applikant.

Tintbagħat irċevuta għall-applikazzjonijiet li jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

Il-11 ta' Marzu, 2014

skills, ability to meet deadlines and excellent communication and interpersonal skills. Previous working experience and experience in using ACAD and/or Project Planning applications will be considered an asset.

Job Descriptions are available from Transport Malta's Human Resource Unit email: (recruitment.tm@transport.gov.mt)

Interested persons are kindly requested to submit an application and a detailed CV only by email (as one document) to: (recruitment.tm@transport.gov.mt) by Tuesday, 18th March, 2014. Emails are to indicate the position being applied for and the name of the applicant in the subject.

Applications will be acknowledged and treated in strictest confidence.

11th March, 2014

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din is-sejħa għall-impjieg hija sejħa għall-applikazzjonijiet biex tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

*Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013*
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
*This employment call is a call for applications for European Union part-financing Cohesion Fund*
*Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds*
*Investing in your future*

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA –
EŻAMIJIET TAL-MATSEC

**Ezami fil-Livell Avvanzat u *Intermediate***
**Mejju 2014**

**Ċertifikat fl-Edukazzjoni Sekondarja - Mejju 2014**

L-Aġent Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li t-*timetables* għal-livell Avvanzat u *Intermediate,* u l-Eżamijiet għall-Edukazzjoni Sekondarja, għas-Sessjoni ta' Mejju 2014, intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati illi għadhom ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba li jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Furjana, fuq numri tat-telefon 2598 2960 jew 2598 2961, jew minnufih liċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat Għawdex, fuq telefon 2155 8341.

Il-11 ta' Marzu, 2014

UNIVERSITY OF MALTA –
MATSEC EXAMINATIONS

**Advanced and Intermediate Level Examination – May 2014**

**Secondary Education Certificate - May 2014**

The Acting Director of Examinations notifies candidates that the timetables for Advanced and Intermediate Level Examination, and Secondary Education Examination for May 2014 Session, have been sent to the candicates concerned.

Those candidates who have not yet received their timetables, can contact the Department of Examinations, Floriana on telephone numbers 2598 2960 and 2598 2961 respectively, or at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, on telephone 2155 8341 immediately.

11th March, 2014

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

**Rilaxx ta' Impjegati Pubbliċi biex Jaħdmu ma' Organizzazzjonijiet Volontarji**

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet minn Organizzazzjonijiet Volontarji sabiex jibbenefikaw minn skema fejn impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati, għal perjodu massimu ta' tnax (12)-il xahar, u bil-għan li Organizzazzjonijiet Volontarji jtejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom sabiex jissaħħu fl-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet.

L-Organizzazzjonijiet Volontarji m'għandhomx ikunu jaħdmu għall-profitt, u d-dħul tagħhom, kapital jew proprjetà ma jkunux ta' benefiċċju, direttament jew indirettament, għal xi promotur, fundatur, membru, amministratur jew benefattur (imma jistgħu jħaddmu impjegati bi ħlas biex jilħqu l-għanijiet tagħhom).

**Kriterji ta' Għażla**

L-għażla skont din l-iskema hi bbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) Kemm il-proġett jew attività li l-uffiċjal rilaxxat ikun se jwettaq, ikunu relatati mal-prijoritajiet tal-Gvern. Tingħata preferenza lill-Organizzazzjonijiet Volontarji li jipprovdu servizz kumplimentari għal servizz provdut mill-Gvern. Hu fl-obbligu tal-Organizzazzjonijiet Volontarji li jikkonfermaw il-livell ta' konverġenza tal-proġett mal-prijoritajiet tal-Gvern;

(b) Il-proposta tal-Organizzazzjoni Volontarja trid telenka għanijiet ċari li jridu jintlaħqu fi żmien stipulat;

(c) L-ammont ta' assistenza (finanzjarja jew taħt xi skema oħra) mill-Gvern li l-Organizzazzjoni tkun diġà qed tirċievi. Prijorità fuq bażi tal-kriterji (a) u (b) imsemmija hawn fuq, tingħata lil dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji li ma jirċevux assistenza finanzjarja.

**Kundizzjonijiet għar-Rilaxx**

Impjegati pubbliċi jistgħu jiġu rilaxxati mal-Organizzazzjoni Volontarja fuq *leave* speċjali bi ħlas, *full-time*, u għal raġunijiet ta' politika pubblika; dan wara li jkunu ssottomettew l-interess tagħhom għas-sejħa għall-espressjoni ta' interess maħruġa mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika sabiex ikunu rilaxxati biex jaħdmu ma' Organizzazzjoni Volontarja. Impjegat wieħed biss jista' jiġi rilaxxat ma' Organizzazzjoni Volontarja waħda, dan sabiex b'hekk il-Gvern ikun jista' jqassam l-assistenza tiegħu fuq proġetti differenti. Meta Organizzazzjoni

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

**Release of Public Employees to Work With Voluntary Organisations (VOS)**

The Office of the Prime Minister invites applications from Voluntary Organisations to benefit from the scheme whereby interested public employees may be released for a maximum period of twelve (12) months, and for the purpose of enhancing Voluntary Organisations' administrative capacity for the improved delivery of their projects and activities.

The Voluntary Organisations must be non profit-making and their income, capital or property is not to be available, directly or indirectly, to any promoter, founder, member, administrator or donor (but they may engage salaried staff to fulfil their purpose).

**Criteria for selection**

Selection under this scheme is based on the following criteria:

(a) The closeness of the link between the project or activity to which the Voluntary Organisation proposes to assign the released officer and the priorities established by the Government. Priority will be given to Voluntary Organisations providing a service that is complementary to a service provided by Government and it shall be the responsibility of the Voluntary Organisation to demonstrate project alignment with Government policies;

(b) Clearly defined deliverables linked to set target dates set out in the proposal submitted by the Voluntary Organisation;

(c) The amount of Government assistance (financial or in kind) which the Voluntary Organisation concerned is already receiving. Priority, subject to criteria (a) and (b) above, will be given to Voluntary Organisations that are not receiving any assistance.

**Terms for release**

Following an Expression of Interest issued by the Public Administration HR Office, public employees may be assigned to a Voluntary Organisation on special leave with pay, on grounds of public policy, on a full-time basis. Only one employee may be assigned to any Voluntary Organisation, and this with a view to allow government to spread out its assistance to different types of projects. When a Voluntary Organisation operates separate offices in Malta and in Gozo, the Voluntary Organisation may benefit from the release of a public employee, both for the Malta as well as the Gozo office,

Volontarja topera uffiċċji separati f'Malta u f'Għawdex, din tista' tibbenefika minn rilaxx ta' impjegat pubbliku, kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex, sakemm ir-rikjesta ta' dan l-uffiċjal addizzjonali tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt. Il-Gvern iżomm d-dritt li ma jirrilaxxa l-ebda impjegat ma' xi Organizzazzjoni Volontarja, anke jekk din tissodisfa l-kriterji kollha. Il-Gvern iżomm ukoll id-dritt li jagħmel limitu fuq l-ammont ta' assistenza li jagħti.

provided that the request for the additional public employee satisfies the provisions indicated below. Government reserves the right not to assign any employee to a Voluntary Organisation even if it satisfies all the criteria. Government may also set a limit on the amount of assistance granted.

Ir-rilaxx ta' impjegati pubbliċi mal-Organizzazzjonijiet Volontarji se jkun fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

The release of public employees with Voluntary Organisations is based on the following conditions:

Il-perjodu tar-rilaxx ikun għal tul iż-żmien tal-proġett jew sa massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas), bil-possibbiltà ta' tiġdid;

The period of release is for the duration of the project or up to a maximum of twelve (12) months (whichever is shortest), with the possibility of renewal;

Ir-rilaxx taħt din l-iskema jkun ikkomunikat mid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management* fi ħdan l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, b'konsultazzjoni mal-partijiet involuti, inkluż, fejn applikabbli, mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Għal dan il-għan, l-organizzazzjonijiet qed jiġu infurmati li dan l-uffiċċju jżomm d-dritt li jissorvelja jekk il-kundizzjonijiet tar-rilaxx humiex qed jiġu rispettati, kif ukoll jara l-progress li qed isir fuq il-proġett/attività li ġiet proposta. Għal dan il-għan, il-Gvern, jew persuna delegata minnu, jistgħu jagħmlu spezzjonijiet u jitolbu rapporti dwar l-attivitajiet tal-impjegat rilaxxat. Il-Gvern iżomm id-dritt li jittermina r-rilaxx tal-impjegat jekk it-termini miftiehma ma jiġux irrispettati, u dan billi jagħti avviż bil-miktub, ta' ħamest (5) ijiem ta' xogħol bil-quddiem;

Release under this scheme is communicated by the Employee Relationship Management Directorate within the Public Administration HR Office, in consultation with relevant stakeholders including, where applicable, the Commissioner of Voluntary Organisations. To this effect, Voluntary Organisations are informed that this office reserves the right to monitor the released employee to ensure conformity with the terms of release, including the ongoing progress of the presented project/activity. Spot checks may be carried out and/or reports on the activities may be required by the employer or by someone delegated on Government's behalf. The employing department/entity reserves the right to withdraw the approval for the released employee, by giving a five (5) working days notice in advance, if agreed terms are not honoured;

Kull xahar l-Organizzazzjoni Volontarja għandha tissottometti kopji verifikati tar-rekords ta' attendenza, approvati mill-Kap tal-Organizzazzjoni, lid-Dipartiment/Direttorat jew Entità minn fejn ikun ġie rilaxxat l-impjegat;

The Voluntary Organisation is to submit verified attendance records, endorsed by the Head of the Voluntary Organisation, to the respective employing department on a monthly basis;

Waqt il-perijodu tar-rilaxx, Uffiċjali Pubbliċi jibqgħu regolati mir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), filwaqt li impjegati mas-Settur Pubbliku jkunu regolati mir-regolamenti u proċeduri ta' dixxiplina applikabbli fl-Entità li magħha jkunu impjegati; dan bla ebda preġudizzju għar-regolamenti applikabbli fl-Organizzazzjoni li magħha jkunu ġew rilaxxati;

During the period of release, Public Officers are regulated by the PSC disciplinary procedures and Public Sector Employees are regulated by the respective disciplinary procedures applicable in their employing entity for any misconduct; this without prejudice to the regulations governing the respective Voluntary Organisation;

L-impjegati rilaxxati jridu jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa u huma intitolati għal 192 siegħa *vacation leave* fis-sena. Fil-każ ta' għalliema, dawn ikunu intitolati għall-ekwivalenti ta' 192 siegħa *vacation leave pro-rata*, maħduma fuq id-data ta' rilaxx;

Released employees will be expected to work a 40 hour week and will be entitled to 192 hours vacation leave yearly. In the case of teachers, the equivalent of 192 hours vacation leave entitlement will be granted pro-rata, depending on the date of release;

Wara li jintemm il-perijodu tal-*leave* approvat, l-impjegat jerġa' jmur lura fid-Dipartiment/Entità minn fejn ġie rilaxxat. L-Organizzazzjoni Volontarja tista' titlob tiġdid tar-rilaxx sakemm jispiċċa l-proġett jew għal massimu ta' tnax (12)-il xahar (liema jkun l-inqas). Ir-rilaxx globali hu għal massimu

At the expiration of the approved leave, the released employees shall revert to their employing department/entity. The Voluntary Organisation may request a further period of release for the remaining duration of the project or for twelve (12) months (whichever is the shortest), subject to a maximum

ta' ħames (5) snin. It-talba għal tiġdid tintbagħat lid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) qabel l-iskadenza tar-rilaxx approvat;

L-Organizzazzjoni Volontarja għandha tibgħat rapport lis-Segretarju Permanenti kkonċernat dwar il-progress milħuq fir-rigward tar-riżultati tal-proġett kif oriġinarjament speċifikat. Fuq dan ir-rapport, is-Segretarju Permanenti, jirrakkomanda lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika jekk it-tiġdid tar-rilaxx għandux ikun approvat jew le.

L-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jassenja ma' Organizzazzjonijiet Volontarji, impjegati pubbliċi fuq *leave* mingħajr ħlas, għal raġunijiet ta' politika pubblika. Ir-rilaxx isir skont il-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq.

**L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:**

1) Dikjarazzjoni, fejn applikabbli, li tistabbilixxi l-iskop/missjoni tal-organizzazzjoni u telenka l-iskop soċjali jew ta' karità tal-Organizzazzjoni Volontarja f'konformità mal-Att dwar *Trusts* u *Trustees*;

2) Kopja tal-Istatut tal-Organizzazzjoni Volontarja. Dan m'hemmx għalfejn jintbagħat jekk jinsab *online*, (niżżel l-indirizz tas-sit elettroniku) jew jekk ikun diġà ntbagħat u ma jkunx sar tibdil;

3) Proposta li turi ċar il-proġett jew attività li fuqha l-uffiċjal se jkun assenjat. Il-proposta għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-benefiċċji li se joħorġu mill-proġett/attività proposta, u għandha tingħata data preċiża sa meta l-proġett/attività trid titlesta. Il-proposta għandha turi b'mod ċar il-livell ta' konverġenza mal-prijoritajiet tal-Gvern. Jekk il-proġett/attività se ssir barra minn Malta, huwa importanti ħafna li dan jintwera ċar fuq il-proposta li tintbagħat;

4) Dikjarazzjoni li turi kull assistenza (kemm finanzjarja jew xort'oħra) u taħt kull skema, li l-Organizzazzjoni Volontarja qed tirċievi mill-Gvern;

5) Indikazzjoni ta' inizjattivi konkreti, minbarra s-servizz normali li tagħti l-organizzazzjoni volontarja, li tista' toffri lis-Servizz Pubbliku eż. *lectures* bla ħlas, *open days* jew xi servizz ieħor.

6) Organizzazzjonijiet Sportivi għandhom jinkludu dikjarazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Isport li tikkonferma li l-Organizzazzjoni hi rreġistrata mal-Kunsill, skont id-

aggregate of five (5) years. This request for a further period of leave is to be submitted to the Employee Relationship Management Directorate within the Public Administration HR Office, not later than two (2) months prior to the expiry of the approved release;

The Voluntary Organisation is required to submit a report, to the respective Permanent Secretary, on the progress achieved in relation to the project deliverables originally specified. When informing the Public Administration HR Office and recommending whether the additional period of release should be approved or otherwise, the respective Permanent Secretary is to take this report into account.

The Public Administration HR Office may also, at its discretion, assign public employees to Voluntary Organisations on leave without pay on grounds of public policy. These public employees may be also released on the basis of the above-mentioned criteria.

**Submitted applications are to include the following:**

1) A statement, where applicable, setting out the scope/mission of the organisation which scope/mission should, in conformity with the Trusts & Trustees Act, portray the social/charitable purpose of the organisation.

2) A copy of the Organisation's statute. This will not be required if the statute is accessible online (indicate online address) or if there are no amendments to a previous submission.

3) A proposal detailing a clear project or activity to which the requested employee will be assigned. The proposal must also clearly define the benefits originating from the proposed project and/or activity and give target deadlines for the completion of the proposed project/activity. The proposal should clearly show the level of alignment with Government policy. If the place where the project/activity will be taking place is outside Malta, it is particularly important that this is clearly indicated in the submitted proposal.

4) A statement detailing assistance of any type (financial or otherwise) and under any scheme already being received by the organisation from Government.

5) An indication of any concrete initiatives, apart from the usual activities of the Voluntary Organisation, which it can offer to the Public Service e.g. free lectures, open days or other useful services.

6) In the case of Sports Organisations, applicant organisations are to submit a declaration by the Malta Sport Council (Kunsill Malti għall-Isport) confirming that,

dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Isports (Kap. 455), u li l-Organizzazzjoni tirrappreżenta lil Malta f'attivitajiet sportivi b'mod attiv.

7) Fil-każ li Organizzazzjoni Volontarja diġà għandha impjegat pubbliku rilaxxat magħha fl-uffiċċju f'Malta u qed tapplika għal rilaxx ta' impjegat pubbliku għall-uffiċċju f'Għawdex, għandu jingħata ukoll l-indirizz uffiċjali tal-uffiċċju f'Għawdex. L-istess japplika f'każ li Organizzazzjoni Volontarja li diġà għandha impjegat pubbliku rilaxxat magħha fl-uffiċċju f'Għawdex, u qed tapplika għal rilaxx ta' impjegat pubbliku għall-uffiċċju f'Malta.

L-applikazzjonijiet, bl-informazzjoni kollha, għandhom jintbagħtu lid-Direttorat tal-*Employee Relationship Management*, fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, 3, Misraħ Kastilja, Il-Belt Valletta, VLT 1062. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu, 2014.

L-applikazzjoni tkun valida għal sena. Għaldaqstant, jekk uffiċjal pubbliku ma jkunx jista' jiġi rilaxxat immedjatament mal-Organizzazzjoni Volontarja, l-applikazzjoni tibqa' valida tul dan il-perjodu u għalhekk, l-Organizzazzjoni Volontarja ma jkollhiex bżonn terġa' tapplika qabel jgħaddi dan il-perjodu.

Bl-istess mod, Organizazzjonijiet Volontarji li applikaw skont l-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Lulju, 2013, li ma ġiex rilaxxat impjegat pubbliku magħhom, m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew mhux kompluti jiġu awtomatikament rifjutati. Il-Gvern iżomm id-dritt li jappoġġa Organizzazzjonijiet Volontarji taħt termini u kundizzjonijiet oħra, iżda r-rilaxx taħt it-termini ta' dan l-avviż huwa esklussiv għat-termini u l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Il-11 ta' Marzu, 2014

TRANSPORT MALTA

**Sospensjoni tat-Traffiku f'Ħal Qormi**

B'referenza għax-xogħol li qed isir fi Triq il-Wied minħabba l-Proġett Nazzjonali kontra l-Għarar, ngħarrfu lill-pubbliku li l-aċċess għal Triq il-Wied, Ħal Qormi minn Triq il-Mitħna hu limitat biss għal min irid jagħti xi servizz jew għar-residenti biss.

Il-11 ta' Marzu, 2014

in accordance with the provisions of the Sports Act (Cap. 455), the Organisation is registered with the Council and that the Organisation actively represents Malta in sporting activities.

7) In the case where a Volunatry Organisation has a public employee assigned to the office in Malta and is applying for the release of a public employee for the Gozo Office, the official Gozo office address must also be supplied. Likewise, in the case where a Voluntary Organisation has a public employee assigned to the office in Gozo and is applying for the release of a public employee for the office in Malta, the official Malta office address must be supplied.

Completed applications are to be addressed to the Director, Employee Relationship Management, Public Administration HR Office, 3, Misraħ Kastilja, Valletta, VLT 1062 and received by not later than Friday, 21st March, 2014.

The application shall be valid for one year. In this view if a public employee may not be immediately released with the applying Voluntary Organisation, the application will remain valid during this period and as such, the Voluntary Organisation does not need to re-apply before the lapse of this period.

Likewise, Voluntary Organisations which have applied in terms of the notice published in the Government Gazette dated 12 July, 2013, with which a public employee could not be released, do not need to re-apply.

Late or incomplete applications will be automatically refused. The Government reserves the right to support organisations under other terms and conditions but release in terms of this circular is exclusive to the terms and conditions mentioned herein.

11th March, 2014

TRANSPORT MALTA

**Suspension of Traffic at Ħal Qormi**

With reference to the works being carried out related to the National Flood Relief Project in Triq il-Wied, Ħal Qormi, the public is informed that access to Triq il-Wied from Triq il-Mitħna is only permitted to render a service and for residents only.

11th March, 2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Il-Ħamrun.

J. CHURCH
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-11 ta' Marzu, 2014

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

**Notice**

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Il-Ħamrun.

J. CHURCH
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

11th March, 2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta, nhar l-Erbgħa, it-12, il-Ħamis, it-13 u l-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu, 2014 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Il-Ħamrun.

J. CHURCH
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-11 ta' Marzu, 2014

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

**Notice**

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Il-Belt Valletta, on Wednesday, 12th, Thursday, 13th and Friday, 14th March, 2014 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Il-Ħamrun.

J. CHURCH
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

11th March, 2014

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX ta1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Reġistrazzjoni**

**Ordni Nru. 1**

Ngħarrfu b'dan li s-Soċjetà li ġġib l-isem "Comino Ferries Co-op Limited" u r-regoli tagħha ġew irreġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-25 ta' Frar, 2014, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 (1) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sa Frances Mifsud
*Chairperson*
*Bord tal-Koperattivi*

Il-25 ta' Frar, 2014

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Registration**

**Order No. 1**

It is hereby notified that the Society under the name "Comino Ferries Co-op Limited" and its rules were definitely registered by the Co-Operatives Board on the 25th February, 2014, in accordance with the provisions of Article 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Ms Frances Mifsud
*Chairperson*
*Co-Operatives Board*

25th February, 2014

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

Skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu, 2014, fis-Sala tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku, In-Naxxar, fis-7.30 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjoni dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali In-Naxxar.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Il-11 ta' Marzu, 2014

NAXXAR LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

In accordance with Article 70 of the Local Councils Act, (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Friday, 14th March, 2014, at the Local Council Hall within the Naxxar Civic Centre at 7.30 p.m.

All residents whose names appears in the last Naxxar Local Council's Electoral Register are invited to attend and to participate in the discussion.

All participants may put forward their suggestions for the Council's consideration.

11th March, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

**Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'referenza għall-avviż il-ġdid li ġej, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-data u l-ħin indikat hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:**

**Sad-9.30 a.m. it-TLIETA, it-22 ta' April, 2014, għal:**

CT/A/005/2014. Numru ta' Ref tal-Kuntratti CT 2003/2013 - Qafas ta' Ftehim għall-kostruzzjoni u manutenzjoni ta' diversi toroq madwar Malta u Għawdex f'isem l-Awtorità għat-Trasport.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Marzu, 2014.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

**The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisement will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:**

**Up to 9.30 a.m. of TUESDAY, 22nd April 2014, for:**

CT/A/005/2014. Contracts Ref No CT 2003/2013 - Framework Agreement for the construction and maintenance of roads in different localities in Malta and Gozo on behalf of the authority for transport in Malta.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th March, 2014.

**Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).**

**Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti, (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.**

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Marzu, 2014

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment (http://www.contracts.gov.mt).**

Il-11 ta' Marzu, 2014

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Marzu, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

**Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).**

**Sad-9.30 a.m. it-TLIETA, it-22 ta' April, 2014, għal:**

CT 2031/2014. Provvista ta' *Angiotensin-II Receptor Antagonist Tablets* jew *Capsules*. Għandu jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €200.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

**A list of all current advertisements is available from the Department's website (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).**

